# HERITAGE MALTA TISSIEĦEB MAL-FONDAZZJONI EDEN LEISURE BIEX TIRRESTAWRA L-KAROZZELLA STORIKA TAL-GRAN MASTRU

**Stqarrija | 23 ta' Ottubru 2024**

Heritage Malta bi pjaċir qed tħabbar kollaborazzjoni sinifikanti mal-Fondazzjoni Eden Leisure, li se tiffinanzja r-restawr tal-karozzella tal-Gran Mastru. Din il-karozzella l-ġmiel tagħha tas-seklu 18 tinsab fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta u hija tat-tip Berline.

Ir-restawr tagħha jifforma parti mill-proġett akbar ta' restawr tal-Palazz tal-Gran Mastru – l-aktar proġett ta' konservazzjoni ambizzjuż ta' Heritage Malta sal-lum, li jinkludi mhux biss ir-restawr tal-binja iżda wkoll il-preservazzjoni ta' artefatti imprezzabbli bħall-karozzella tal-Gran Mastru, biex b'hekk jissaħħaħ ir-rwol tal-Palazz bħala simbolu nazzjonali tal-identità Maltija.

Il-karozzella lussuża tal-Gran Mastru, maħduma fi Franza fis-snin 80 tas-seklu 18, hi mżejna b'ġewwieni tal-bellus aħdar u għandha post uniku fl-istorja ta' Malta. Għalkemm intużat minn tal-inqas erba' Gran Mastri, il-karozzella hija assoċjata l-aktar mill-qrib mal-aħħar Gran Mastru tal-Kavallieri ta' Malta, Ferdinand von Hompesch. Storja popolari tirrakkonta li l-Gran Mastru kien bagħatha biex tittrasporta lil Napuljun Bonaparti, iżda dan irrifjuta li jirkeb fiha.

Oriġinarjament indurata, il-karozzella sarulha ħafna bidliet matul is-sekli. Notevoli fost dawn kien hemm iż-żieda ta' erba' immaġini ovali li jinkludu emblemi tar-Rivoluzzjoni Franċiża, matul il-ħakma qasira Franċiża tal-gżira. Waħda minn dawn ir-rappreżentazzjonijiet, li fiha allegorija ta' La Republique qed iżżomm bastun b'kappell Friġjan, ġiet żvelata f'interventi passati. Ir-restawr se jindirizza dawn il-bidliet u jiżgura l-preservazzjoni tal-istorja mimlija saffi ta' dan l-artefatt stupend li qabel kien esebit fl-Armerija tal-Palazz. Din oriġinarjament kienet fil-Piano Nobile u mbagħad ġiet rilokata fis-swali ta' isfel, fejn qabel kien hemm l-istalel tal-Palazz.

Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, esprima l-eċċitament tiegħu dwar dan il-proġett. "Ir-restawr tal-karozzella tal-Gran Mastru huwa parti vitali mill-impenn kontinwu tagħna li nissalvagwardjaw il-wirt kulturali u storiku Malti. Bl-appoġġ ġeneruż tal-Fondazzjoni Eden Leisure, nistgħu nirritornaw dan l-artefatt sabiħ għall-glorja preċedenti tiegħu u niżguraw li jkompli jitgawda mill-ġenerazzjonijiet futuri."

Anthony Spagnol, Konservatur Anzjan ta' Heritage Malta, iddeskriva kif il-konservazzjoni ta' din il-karozzella tmur lil hinn mill-preservazzjoni tal-materjali tagħha, li jvarjaw mill-injam u l-ħadid għad-drapp u l-ġilda, u tfittex ukoll li tippreserva n-

narrattiva għanja tagħha. Huwa elabora dwar kif it-tim tal-konservazzjoni jieħu ħsieb jikkonserva l-istorja tal-oġġett biex jippermetti li l-vjaġġ tiegħu jiġi apprezzat.

Kate De Cesare, Uffiċjal Kap tas-Sostenibbiltà tal-Fondazzjoni Eden Leisure, qalet li l-wirt kulturali hu wieħed mit-tliet pilastri ewlenin tal-Fondazzjoni, li twaqqfet dan l-aħħar biex tmexxi 'l quddiem l-intenzjonijiet tar-Responsabbiltà Soċjali tal-Komunità tal-Eden Leisure Group. Hija esprimiet il-ferħ tagħha li dan il-proġett jaqbel perfettament mar-raison d'être tal-Fondazzjoni u qalet li hi u t-tim tagħha huma onorati li jiffurmaw parti minnu.

Il-karozzella tal-Gran Mastru 'l quddiem se tkun esebita b'mod prominenti fil-Palazz tal-Gran Mastru, biex tkompli tkun sors ta' ispirazzjoni u edukazzjoni fiż-żmien li ġej.